# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 270 – It-Tnejn 23 ta' Settembru, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsillier Mario Cachia li minħabba raġunijiet ta' xogħol ma kienx possibli li jattendi s-seduta. Is-Sindku ippropona li għandu jitniżżel bħala assenti skużat. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru.269 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 2. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Reviżjoni tas-*South Local Plan***

Is-Sindku qal li kien iltaqa' ma' rappreżentanti tal-Siggiewi Football Club u Siggiewi Basketball Club dwar proposta għas-sit fejn hemm il-Ground tal-Football u l-Court tal-Basketball.

Huwa kompla jgħid li għandna niktbu lill-MEPA dwar din il-proposta kif ukoll dwar il-proposta li kienet saret rigward is-sit tal-Għasfur.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Il-Kunsilliera Mariette Borg qalet li jekk fil-futur ikun hemm laqgħat bejn iż-żewġ għaqdiet sportivi u l-Kunsill, qed titlob biex tkun preżenti. Is-Sindku qal li m'għandu l-ebda oġġezzjoni għal din it-talba.

**2.2 Infurzar lokali u *green wardens***
Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb minnufih lir-Reġjun dwar din il-materja kif diġà kien deċiż waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

**2.3 Triq Manwel Bonnici**
Is-Sindku qal li billi diversi residenti ikkuntattjawh u espremew fehma kuntrarja għall-proposta li parti minn din it-triq tingħalaq għat-traffiku. Hu kien irċieva ittra waħda li hija favur. Għalhekk, ippropona li l-Kunsill la għandu jaqbel u lanqas ikun kuntrarja tal-proposta imma jibgħat l-ittri kollha, kemm dawk favur kif ukoll dawk kontra lil Transport Malta għall-konsiderazzjoni tat-Transport Management Unit.

# 3. FINANZI

**3.1 Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4. KUNTRATTI

**4.1 *Collection of Mixed Household Waste***
Is-Sindku qal li l-bord magħmul minnu, mill-Viċi Sindku, mill-Kunsillier Jesmond Tanti u s-Segretarju Eżekuttiv intervistaw lir-rappreżentanti tal-Waste Collection Ltd., Il-Bord iddeċieda li m'għandux jintervista lill-offerenti l-oħrajn għax kien sodisfatt minn dak li intqal mir-rappreżentanti tal-kumpanija. Huwa għalhekk kien qed jipproponi li dan il-kuntratt għandu jingħata lill-kumpanija imsemmija.

Is-Sindku ippropona wkoll li għandna niktbu lis-sur Noel Xuereb u nirringrazzjawh tal-ħidma effettiva li wettaq fis-snin li ilu jopera dan il-kuntratt. Barra minhekk, is-Sindku ippropona li għandna ninfurmaw lill-pubbliku li se jibda jopera kuntrattur ġdid.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.2 *Works Manager***
Is-Sindku qal li għal din is-sejħa daħlet offerti waħda, dik ta' *Synthesis Managament Services Ltd.,* Huwa ippropona għandu jinħatar bord biex jintervista lir-rappreżenanti

tal-kumpanija u jekk il-bord ma jsib l-ebda diffikultà, dan il-kuntratt għandu jingħata lil din il-kumpanija. Dan il-bord għandu jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Nicholas Cassar.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.3** ***Cleaning of Non-urban areas***
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan kien se jiskadi fil-31 ta' Diċembru. Is-Sindku ippropona li tinħareġ is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsilliera Mariette Borg issekondiet u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.4** ***Planting Roundabouts***
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fit-30 ta' Settembru kienet se tiskadi l-ewwel sena tiegħu. Is-Sindku ippropona li qabel jiġi mġedded issir laqgħa mal-kuntrattur biex jiġu ċċarati xi diffikultajiet. Jekk dawn jiġu solvuti, il-kuntratt jiġi estiż sat-30 ta' Novembru u ji[i diskuss mill-ġdid mill-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li għal din il-laqgħa mal-kuntrattur għandhom ikunu preżenti is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv, il-Viċi-Sindku u l-Kunsillier Nicholas Cassar.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.5** **Public Convenience**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt kien se jiskadi fis-7 ta' Novembru, 2013. Is-Sindku ippropona li għandha toħroġ is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.6** **Resurfacing**
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan il-kuntratt kien se jiskadi fil-31 t'Ottubru, 2013. Is-Sindku ippropona li għandha toħroġ is-sejħa għall-offerti. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

**5.1** **Sejħa għall-offerti għall-apparat tal-Live Streaming**
Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Evalwazzjoni tad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali iddeċieda li l-Kunsill jingħata s-ammont ta' €2,300 f'għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett. Dan il-proġett irid jitlesta sal-4 ta' Diċembru, 2013.

Is-Sindku qal li għandha minnufih tinħareġ is-sejħa għal tliet offerti.

**5.3** **ERDF – Cohesion Policy 2007-2013 – Life Long Learning Project**
Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda għall-appell mid-deċiżjoni tal-Managing Authority dwar din l-applikazzjoni. F'dan l-appell intqal li l-applikazzjoni tal-Kunsill kienet waħda adegwata u ikkwalifikat imma l-fondi ingħataw lil tliet proġetti kbar tal-Gvern Ċentrali. Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Apell għada ma ingħatx.

**5.4 Applikazzjoni EAFRD – Rural Development – Tisbiħ ta' Lapsi Park**

Is-Sindku qal li s-Segretarju Eżekuttiv kien daħħal din l-applikazzjoni bl-ammont ikun ta' madwar €150,000. L-aġġudikazzjoni mistennija ssir fil-ġimgħat li ġejjin.

**5.5 Latrina ta' Lapsi**

Is-Sindku qal li ilu jinħass il-ħtieġa li titwaqqa' u tinbena mill-ġdid il-latrina ta' Għar Lapsi. Għalhekk wara li jingħata l-kuntratt il-ġdid tal-Perit, l-ewwel ħidma tiegħu għandha tkun li jitħejjew il-pjanti u l-applikazzjonijiet neċessarji.
Sadanittant, għanda tintalab l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali fit-twaqqigħ tal-latrina preżenti.

**5.6 Korsijiet tal-Computer**

Is-Sindku ippropona li għandhom jerġgħu isiru l-korsijiet tal-computer mill-kumpanija TCTC fix-xhur li ġejjin.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.7 Attività mill-Għaqda Thorball**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li saret talba mal-Kunsill biex l-Għaqda Thornball li taħdem favur persuni neqsin mid-dawl, jorganizzaw wirja tal-karrozzi fi Pjazza San Nikola nhar is-Sibt 28 ta' Settembru. Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tiġi aċċettata.

Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.8 Injezzjoni kontra l-influwenza**

Il-Viċi-Sindku ippropona li għandna nerġgħu noffru dan is-servizz u li għandu jsir avviż mill-Arċipriet fil-quddies tal-Ħadd 29 ta' Settembru.

Il-kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.9 Maniġġjar tat-traffiku fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Il-kunsilliera Mariette Borg tkellmet dwar din il-materja u tablet kwotazzjoni tal-ispiża biex il-*pedestrian lights* jinbidlu f'sistema ta' *hanging lights.* Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jgħaddi dan id-dokument mill-aktar fis.

Rigward id-diskussjoni li kienet saret biex dawn il-*pedestrian lights* jinbidlu fi *traffic lights* biex b'hekk iservu ta' *traffic calming measure*, is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien se jikteb dwar din il-materja lit-*Traffic Management Unit* ta' Transport Malta.

**5.10 Stallazzjoni ta' lampi f'zoni non-urbani.**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li spiss qed jiġri li meta ssir applikazzjoni għal stallazzjoni ta' bozza f'zoni urbani, u din l-applikazzjoni tiġi aċċettata mill-Enemalta, il-Kunsill jinstallaha, imbagħad jintalab iħallas tal-wiring jekk din tkun mitt metru l-bogħod minn fejn l-aħħar li tkun għaddejja l-provista tal-*street lighting.*

Is-Sindku qal li din l-istima għandha tintalaba lill-Enemalta qabel tiġi stallata l-bozza u mhux wara.

**5.11 Bring-in sites**

Il-kunsillier Jesmond Tanti qal li irċieva diversi ilmenti dwar l-istat ħażin tal-Bring-in sites. Dawn qed joħolqu inkonvenjent kbir lir-residenti qrib tagħhom.

Is-Sindku qal li matul l-aħħar jiem kellu jieħu diversi passi biex dawn jitnaddfu, madankollu wara li jsir dan, jerġgħu jitħammġu, xi drabi ftit siegħat wara li jkun sar it-tindif.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntratt ma' GreenMT jesiġi li dawn jitnaddfu tliet darbiet fil-ġimgħa u f'laqgħa li se jkollu mad-Direttur tal-istess kumpanija se jesiġi li dan isir.

Is-Sindku qal lil-kuntratt mal-Wasteserv jagħlaq f'Lulju tal-2014 u huwa diffiċli għalhekk li dawn jitneħħew.

Il-Kunsilliera Mariette Borg semmiet li l-BIS ta' Triq in-Nirien għandhom jitneħħew u anki ipproponiet sit alternattiv aktar 'l isfel fl-istess triq.

Din il-materja għandha tkompli tiġi diskussa fis-seduta li jmiss.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn 28 t'Ottubru fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 28 t'Ottubru, 2013.**

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 270**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data:** **2/9/13-23/9/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | vodafone | €92.70 | €92.70 | d | pf | 99762218 august13 | 1.9.13 | 3671122092013 | | | | 9842 |
| 2 | go | €21.47 | €21.47 | d | pf | 21462946 august13 | 6.9.13 | 34125485 | | | | 9808 |
| 3 | go | €39.78 | €39.78 | d | pf | 21468874 august13 | 6.9.13 | 34125460 | | | | 9808 |
| 4 | go | €34.94 | €34.94 | d | pf | adsl augsut13 | 6.9.13 | 34125460 | | | | 9808 |
| 5 | go | €46.94 | €46.94 | d | pf | 21465799/21465805 august13 | 6.9.13 | 34125525 | | | | 9808 |
| 6 | go | €17.07 | €17.07 | d | pf | 21466000 august13 | 6.9.13 | 34125500 | | | | 9808 |
| 7 | impressions | €99.12 | €99.12 | d | pf | printing certificates festa gheneb | 3.9.13 | 44162 | | | | 9840 |
| 8 | nvc | €52.50 | €52.50 | d | pf | operating materials festa gheneb | 27.8.13 | 5711 | | po131/13 | | 9839 |
| 9 | melita | €20.00 | €20.00 | d | pf | installatin digital tv day centre | 1.8.13 | 2333681 | | | | 9811 |
| 10 | melita | €18.68 | €18.68 | d | pf | tv day centre 18/7/13-31/8/13 | 1.8.13 | 2333681 | | | | 9806 |
| 11 | john camilleri | €6.41 | €6.41 | d | pf | operating materials festa gheneb | 3.9.13 | 1435368 | | | | 9838 |
| 12 | 3d | €212.40 | €212.40 | d | pf | distribution flyers laqgha pjan lokali | 10.9.13 | 4301 | | | | 9837 |
| 13 | raymond attard | €390.00 | €390.00 | d | pf | 6 bins on wheels festa gheneb | 9.9.13 | 3008 | | 139/13 | | 9836 |
| 14 | nexos | €2,309.04 | €2,309.04 | t | pf | repair street lighting | 7.9.13 | 2010557 | | | | 9835 |
| 15 | ecopure | €8.50 | €8.50 | d | pf | water for dispenser | 10.9.13 | 553868 | | | | 9834 |
| 16 | alex camilleri | €847.43 | €847.43 | t | pf | public conveniences august13 | 1.9.13 | 76 | | | | 9833 |
| 17 | billboard advertising | €1,006.54 | €1,006.54 | d | pf | banners festa gheneb | 5.9.13 | 4590 | | 125/13 | | 9831 |
| 18 | gianluca pace | €236.00 | €236.00 | d | pf | maintenance lampposts dr nikola zammit | 5.9.13 | 1 | | 140/13 | | 9832 |
| 19 | cassie cutajar | €144.00 | €144.00 | d | pf | clerikal work saturdays august13 | 1.9.13 | | | | | 9830 |
| 20 | csd | €274.94 | €274.94 | d | pf | stationery | 6.9.13 | 45320 | | 141/13 | | 9829 |
| | **Sub Total c/f** | **€5,878.46** | **€5,878.46** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€5,878.46** | **€5,878.46** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 270 tat-23/9/13**

Kunsillier

Kunsillier

**Data:** **2/9/13-23/9/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | b.grima | €2,435.52 | €2,435.52 | t | pf | road markings paint | 22.7.13 | 10003834 | | 99/13 | | 9828 |
| 22 | smart | €28.62 | €28.62 | d | pf | stationery | 2.9.13 | 13045039 | | 133/13 | | 9805 |
| 23 | smart | €127.68 | €127.68 | d | pf | cartridges | 2.9.13 | 13045040 | | 133/13 | | 9805 |
| 24 | simon vella | €413.00 | €413.00 | d | pf | violinist festa gheneb | 25.8.13 | 389 | | 121/13 | | 9827 |
| 25 | ghaqda armar vittoriosa | €619.50 | €619.50 | d | pf | hiring bandalori festa gheneb | 4.9.13 | 7.2013. | | 142/13 | | 9826 |
| 26 | access point | €236.00 | €236.00 | d | pf | it virtual pack sept13 | 2.9.13 | 3832 | | | | 9825 |
| 27 | access point | €70.80 | €70.80 | d | pf | backup package sept13 | 2.9.13 | 3833 | | | | 9825 |
| 28 | ell's urban services | €8,766.24 | €8,766.24 | t | pf | patching | 3.9.13 | 419 | | | | 9880 |
| 29 | callus landscaping | €2,710.16 | €2,710.16 | t | pf | planting public spaces aug13 | 30.8.13 | 21 | | | | 9816 |
| 30 | the greenfields | €200.00 | €200.00 | d | pf | folk group festa gheneb | 11.9.13 | 8/13. | | | | 9819 |
| 31 | itc | €20.66 | €20.66 | d | pf | photocell kit | 13.9.13 | 2748 | | | | 9818 |
| 32 | calleja ltd | €189.60 | €189.60 | k | pf | 6 globes for repair dr n zammit | 13.9.13 | 70005405 | | 143/13 | | 9817 |
| 33 | vincent mifsud | €279.83 | €279.83 | k | pf | lamps for repairs ply fld | 13.9.13 | 169238 | | 145/13 | | 9814 |
| 34 | mita | €4.97 | €4.97 | d | pf | email account n.cassar april-june | 29.8.13 | 26803 | | | | 9813 |
| 35 | vitimalta | €234.00 | €234.00 | d | pf | 18 meals wine competition festa gheneb | 13.9.13 | 13.9.13 | | | | 9812 |
| 36 | jeanne mercier | €741.00 | €741.00 | d | pf | speaker workshop photography screens | 27.8.13 | | | | | swift |
| 37 | baudouin mouanda | €741.00 | €741.00 | d | pf | speaker workshop photography screens | 27.8.13 | | | | | swift |
| 38 | jeanne mercier | €48.55 | €48.55 | d | pf | expenses screens workshop | 27.8.13 | | | | | swift |
| 39 | n.baldacchino | €99.00 | €99.00 | d | pf | petrol expenses august13 | 1.9.13 | | | | | 9811 |
| 40 | david grima | €80.00 | €80.00 | d | pf | petrol expenses august13 | 1.9.13 | | | | | 9810 |
| | **Sub Total c/f** | **€18,046.13** | **€18,046.13** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€5,878.46** | **€5,878.46** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€23,924.59** | **€23,924.59** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 270 tat-23/9/13**

Kunsillier

Kunsillier

**Data:** **2/9/13-23/9/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | klikk | €568.00 | €568.00 | d | pf | pendrives screens project | 11.9.13 | 8687 | | 147/13 | | 9809 |
| 42 | gino | €224.20 | €224.20 | d | pf | hire of tables festa gheneb | 25.8.13 | 18 | | 148/13 | | 9807 |
| 43 | melita | €12.74 | €12.74 | d | pf | tv day centre | 1.9.13 | 34661776 | | | | 9806 |
| 44 | smart | €131.17 | €131.17 | d | pf | stationery | 17.9.13 | 13045637 | | | | 9805 |
| 45 | forte | €66.00 | €66.00 | d | pf | renatl of vehicle screens | 23.8.13 | 3033 | | | | 9804 |
| 46 | ta verna folk band | €250.00 | €250.00 | d | pf | performance festa gheneb | 17.9.13 | 17.9.13 | | 119/13 | | 9803 |
| 47 | roberto runza | €185.00 | €185.00 | d | pf | photographic service festa gheneb | 28.8.13 | 827 | | | | 9823 |
| 48 | gianluca pace | €59.00 | €59.00 | d | pf | repair lighting system public conveniences pjazza | 20.9.13 | 20.9.13 | | | | 9822 |
| 49 | gardenia | €598.00 | €598.00 | d | pf | 2 tv screens | 23.9.13 | 2464 | | | | 9824 |
| 50 | n.baldacchino | €102.89 | €102.89 | d | pf | books for public library | 25.9.13 | 21828 | | | | 9802 |
| 51 | pavi | €9.33 | €9.33 | d | pf | milk/sugar | 21.9.13 | 90787 | | | | 9841 |
| 52 | n.baldacchino | €10.00 | €10.00 | d | pf | binding of documents eu application | 23.9.13 | 164646 | | | | 9821 |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€2,216.33** | **€2,216.33** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€2,216.33** | **€2,216.33** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 270 tat-23/9/13**

Kunsillier

Kunsillier